# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-11 ta' Diċembru 2024**

**Talba nru. 234/2022 IS**

**FRANCIS (I.D. 322757 (M)) U RITA (I.D. 804059 (M)) KONJUĠI ZAMMIT**

***VERSUS***

**DRAWBRIDGE LIMITED (C 30328) U JOHN MARY VELLA (I.D. 615558 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2022 (a fol. 2), l-atturi talbu s-somma ta' tlett elef mija u erbgħa u erbgħin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3144.37) rappreżentanti s-somma ta' elfejn seba' mija u sittax-il Ewro u ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2716.01) sehem dovut mis-soċjeta' konvenuta lill-attur Antoine Galea skond sentenza tal-Onorabbli Qorti diversement presjeduta u s-somma ulterjuri ta' erba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 428.36) rappreżentanti spejjeż relattivi għal mandat u kontro-mandat in konnessjoni mas-sentenza hawnhekk imsemmija, inkluż l-imgħax u l-ispejjeż.

Ra illi ż-żewġ konvenuti ġew debitament notifikati fl-4 ta' Jannar 2023 (a fol. 9).

Ra illi ż-żewġ konvenuti ippreżentaw ir-risposti tagħhom fl-24 ta' Jannar 2023 (a fol. 12 u 14).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fil-31 ta' Jannar 2024, l-atturi għalqu il-provi tagħhom (a fol. 43).

Ra illi fl-14 ta' Ottubru 2024, il-konvenuti għalqu il-provi tagħhom (a fol. 81).

Ra illi fl-14 ta' Ottubru 2024, il-partijiet iddikjaraw provi magħluqa kollha (a fol. 82).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Bħala l-ewwel punt, dan it-Tribunal jirrileva illi l-konvenuti ma ppreżentawx ir-risposti tagħhom fit-terminu preskritt mil-Liġi b'dan illi dan it-Tribunal għal kull buon fini ser jiddiskuti l-kontumaċja o meno tal-konvenuti.

Imbagħad, it-Tribunal ser ikun qed jeżamina t-talba tal-atturi.

<u>Il-kontumaċja o meno tal-konvenuti</u>

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenuti ġew debitament notifikati b'din it-talba fl-4 ta' Jannar 2023 (a fol. 9) u ppreżentaw ir-risposti tagħhom fl-24 ta' Jannar 2023 (a fol. 12 u 14).

It-Tribunal jinnota illi Artikolu 4 (1) tal-leġislazzjoni sussidjarja 380.01 jipprovdi illi l-konvenuti riedu jippreżentaw ir-risposti tagħhom fi żmien tmintax-il jum mid-data tan-notifika, u b'dan illi l konvenuti naqsu milli jagħmlu dan f'dan il-każ.

Biss pero', dan it-Tribunal jinnota illi l-elementi neċessarji sabiex ikun hemm kontumaċja ġew stabbiliti mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Costantino Abela vs George Azzopardi*** deċiża fit-28 ta' Mejju, 1990, fejn il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi: "*Il-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza.*" F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi il-konvenuti dehru għas-seduta li kien imiss wara li ġew hekk innotifikati, u dan skond il-verbal datat 11 ta' Jannar 2023 (a fol. 10), u fejn ingħataw żmien sabiex jippreżentaw ir-risposti tagħhom.

Għaldaqstant, f'dan il-każ hu ċar mill-proċess illi l-konvenuti ma kienu qatt fi stat ta' kontumaċja u dan it-Tribunal jinnota wkoll illi tali punt legali qatt ma tressaq mill-ebda parti formanti minn dawn il-proċeduri tul dawn l-imsemmija proċeduri.

L-azzjoni tal-atturi

L-atturi ikkontendew illi l-konvenuti, jew min minnhom, huwa dovut lilhom is-somma ta' tlett elef mija u erbgħa u erbgħin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 3144.37) rappreżentanti s-somma ta' elfejn seba' mija u sittax-il Ewro u ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2716.01) sehem dovut mis-soċjeta' konvenuta lill-attur Antoine Galea skond sentenza tal-Onorabbli Qorti diversement presjeduta u s-somma ulterjuri ta' erba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 428.36) rappreżentanti spejjeż relattivi għal mandat u kontro-mandat in konnessjoni mas-sentenza hawnhekk imsemmija.

Is-soċjeta' konvenuta ikkontendiet illi hija debitur *in solidum* mhux tal-atturi Zammit iżda ta' Antoine Galea u li huwa ferm importanti illi l-atturi juru li verament ħallsu dan l-ammont pretiż.

Il-konvenut Vella ikkontenda illi huwa m'għandu ebda relazzjoni mal-atturi Zammit u għaldaqstant, għandu jinħeles minn din it-talba.

Ġjaladarba din it-talba tikkonċerna sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti diversement presjeduta, dan it-Tribunal seta' faċilment jeżamina din is-sentenza sabiex jasal għall-konklużjoni tiegħu fejn l-ewwel ser iqis min hu responsabbli għal dawn l-ispejjeż u wara ser jeżamina is-somma dovuta minn kull parti rispettivament.

1. Min hu responsabbli għall-ispejjeż li joriġinaw mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti diversement presjeduta

L-atturi ippreżentaw kopja ta' din l-imsemmija sentenza li tinsab a fol. 28 sa 36. Din is-sentenza, mogħtija fit-2 ta' Frar 2021, fl-ismijiet ***Antoine Galea (ID 544345M) Vs Vella Group Limited (C-22149) u, b'digriet tal-4 ta' Awissu 2014 ġew kjamati fil-kawża Drawbridge Limited, Francis Zammit u martu Rita Zammit, u Mario Anthony Decelis u martu Christine Decelis***,[1] tgħid b'mod ċar illi "***Dwar Spejjeż****, apparti dak fuq ġia' stipulat, l-ispejjeż kollha inkorsi mir-rikorrenti Antoine Galea, għajr għal dawk relatati mal-kjamati in kawża Mario u Christine Decelis, għandhom ikunu a kariku tal-kjamati in kawża Francis u Rita Zammit u Drawbridge Limited, in solidum bejniethom*." Għaldaqstant, dan it-Tribunal ma għandu ebda dubju li l-atturi Zammit u s-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited huma l-persuni responsabbli għall-ispejjeż imsemmija f'din is-sentenza. It-Tribunal jirrileva wkoll li ħadd mill-partijiet f'din it-talba ma saħaq illi kien hemm xi appell minn din l-imsemmija sentenza, b'dan illi din is-sentenza għandha titqies *res judicata*.

L-atturi kkontendew fl-avviż tat-talba illi l-konvenut Vella kien wiegħed personalment lill-

[1] Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 707/2011

atturi Zammit li kien ser iħallas dawn l-ammonti. Pero' il-konvenut Vella xehed fid-29 ta' April 2024, u liema xhieda tinsab a fol. 65 sa 68, u imbagħad fl-14 ta' Ottubru 2024, u liema xhieda tinsab a fol. 86 sa 94, illi huwa dejjem ikkomunika mal-atturi Zammit f'isem is-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited u qatt f'ismu proprju.

Rinfaċċjata b'din is-sitwazzjoni ta' verżjonijiet kunfilġġenti għall-aħħar, dan it-Tribunal irid jevalwa jekk hemmx xi provi oħra li jistgħu jagħtu piż lejn verżjoni jew oħra fejn l-unika prova li t-Tribunal irid iżomm ferm magħha hija proprju s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti diversement presjeduta illi hija imsemmija hawn fuq u li turi b'mod unekwivoku min huma il-partijiet responsabbli sabiex iħallsu lil Antoine Galea *in solidum*.

Għaldaqstant, għal darb'oħra, dan it-Tribunal jikkonkludi illi l-atturi Zammit u s-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited huma l-persuni responsabbli għall-ispejjeż imsemmija f'din is-sentenza. Għalhekk, it-Tribunal jillbera lill-konvenuta John Mary Vella mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. L-ammont pretiż mill-atturi

L-attur Francis Zammit iċċara fix-xhieda tiegħu datata 5 ta' Ottubru 2023 illi din hija rigwardanti l-ispejjeż tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti diversement presjeduta, liema sentenza hija ċitata hawn fuq (a fol. 23).

L-attur xehed ukoll fl-istess ġurnata hawnhekk imsemmija illi *"… jien kelli bżonn nagħmel transfer ta' vettura tat-tifla, u sibt mandate; u biex ineħħi dan il-mandat kelli nħallas l-ammont kollu tal-kawża, għax il-mandat sar anke fuq l-ispejjeż li kellu joħroġ hu. Kelli nħallas l-ammont kollu …"* (a fol. 24). F'dan ir-rigward l-atturi wkoll ippreżentaw kopja tal-ispejjeż li tinsab a fol. 36, kopja tal-mandat fil-konfront tal-atturi Zammit u Drawbridge Limited li tinsab a fol. 37, kopja tal-kontro-mandat fil-konfront tal-atturi Zammit li tinsab a fol. 40 sa 42, kopji taċ-ċedola u l-iżbank relattiv li jinsabu a fol. 45 u 46, u kopja tal-ammont imħallas lir-rappreżentant legali ta' Antoine Galea fir-rigward tal-mandat u li tinsab a fol. 47 u 48.

Ġjaladarba l-atturi Zammit u s-soċjeta' konvenuta kienu debituri *in solidum*, kull wieħed mid-debitur seta' jkun kostrett iħallas l-ammont kollu pretiż, kif fil-fatt ġara f'dan il-każ, u dan għaliex Artikoli 1094 u 1096 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jippermettu tali azzjoni.

Inoltre', Artikolu 1107 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi illi *"Il-kondebitur li jħallas id-dejn in solidum kollu, ma jistax jitlob mingħand l-oħrajn ħlief is-sehem ta' kull wieħed minnhom bl-imgħax minn dak in-nhar tal-ħlas, allavolja jkun hemm ċessjoni ta' jeddijiet."* It-Tribunal seta' jara illi l-kopja taċ-ċedola ta' depożitu li tinsab a fol. 45 u l-kopja tal-formola tal-iżbank relattiv li tinsab a fol. 46 turi li l-ammont fit-totalita' tiegħu kien ta' ħamest elef mitejn u tliet Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 5,203.36) fejn

għaldaqstant, nofs l-ammont li għandha tħallas is-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited huwa ta' elfejn sitt mija u wieħed Ewro u tmienja u sittin ċenteżmi tal-Ewro (**Eur 2,601.68)**. L-imgħax fuq l-imsemmi ammont illi kellu jitħallas mis-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited beda jiddekorri mill-11 ta' Ottubru 2021, u ċioe' mid-data ta' meta l-ammont kollu kien depożitat fir-Reġistru tal-Qorti skond il-kopja taċ-ċedola u skond l-Artikolu tal-Liġi hawnhekk imsemmi, sad-data tal-ħlas effettiv. Fir-rigward tal-mandat u l-kontro-mandat, it-Tribunal seta' jara li l-kopja tal-kontro-mandat li tinsab a fol. 40 sa 42 turi biss illi dan kien milqugħ fir-rigward tal-atturi Zammit iżda l-kopja tas-somom imħallsa li tinsab a fol. 47 u 48 turi li dawn tħallsu mill-atturi Zammit għan-nom tas-soċjeta' konvenuta. Għaldaqstant, l-ammont ta' erba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (**Eur 428.36**) huma dovuti mis-soċjeta' konvenuta lill-atturi Zammit. L-imgħax fuq l-imsemmi ammont illi kellu jitħallas mis-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited beda jiddekorri mid-19 ta' Mejju 2022, u ċioe' mid-data ta' meta dan l-ammont tħallas lir-rappreżentant legali ta' Antoine Galea, sad-data tal-ħlas effettiv. Fiż-żewġ istanzi, fir-rigward tal-persentaġġ, l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema eċċezzjoni ma tapplikax f'dan il-każ.

It-Tribunal ma setax ikollu ebda dubju li dawn l-ammonti hawn fuq imsemmija huma verament dovuti mis-soċjeta' konvenuta lill-atturi Zammit għaliex kien il-konvenut John Mary Vella innifsu li kkonferma fix-xhieda tiegħu datata 29 ta' April 2024 bħala direttur tas-soċjeta' konvenuta is-segwenti, u liema xhieda tinsab a fol. 67:

*"Dr Philip Magri: Jiġifieri taf li Drawbridge kellha tħallas, skont is-sentenza, is-sehem tagħha tal-ħsara li kien hemm?*

*Xhud: Iva, pero' Drawbridge xorta għandha tiġbor tal-ispejjeż tal-komun mingħand Frans Zammit.*

*Dr Philip Magri: Taf jekk Drawbridge ħallsitux dan l-ammont lil Frans Zammit?*

*Xhud: Ma naħsibx li ħallsitu, għax l-ewwel irid jaqta' l-ġagament tiegħu, imbagħad Drawbridge tħallas id-differenza."*

Għaldaqstant, ma hemm ebda dubju fuq l-ammonti pretiżi mill-atturi u li huma indikati hawn fuq. Ukoll, it-Tribunal jinnota illi għalkemm l-ammont tal-mandat u l-kontro-mandat jista' jkun ikkontestat għaliex hemm biss l-isem tal-atturi Zammit fil-kontro-mandat, is-soċjeta' konvenuta qatt ma kkontestat dan l-ammont pretiż mill-atturi skond l-evidenza illi pproduċew l-atturi fir-rigward ta' dan l-imsemmi ħlas kif ukoll kif jidher mix-xhieda mhux kontradetta tal-attur Francis Zammit datata 5 ta' Ottubru 2023 (a fol. 24).

Ukoll, dan it-Tribunal jirrileva illi l-konvenuti iddikjaraw skond il-verbal datat 5 ta' Ottubru 2023 u li jinsab a fol. 22 illi mhux ser iqajmu kwistjonijiet ta' awtenticita' fir-rigward tad-

dokumenti eżebiti mill-atturi u li huma imsemmija iktar ‘il fuq. Ma saret ebda dikjarazzjoni fir-rigward taċ-ċedola tad-depożitu u l-iżbank relattiv u l-pagamenti tal-mandat u l-kontro-mandat li jinsabu a fol. 45 sa 48 b’dan illi pero’ il-konvenut Vella xehed illi dan l-ammont huwa dovut għan-nom tas-soċjeta’ konvenuta kif fil-fatt jidher mill-parti tax-xhieda tiegħu hawn fuq imsemmija.

F’dan ir-rigward, it-Tribunal jaċċenna illi ħa konjizzjoni tal-Artikoli 558 sa 562 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jirregolaw bis-sħiħ kif il-partijiet fil-kawża għandhom iressqu l-provi tagħhom sabiex wasal għal din il-konklużjoni hawnhekk imsemmija.

Dan it-Tribunal jirrileva illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jistax ikun injorat mill-atturi, u liema Artikolu jipprovdi illi “*Bla ħsara ta’ kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah.*” Dan it-Tribunal jagħraf ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 559 tal-Imsemmi Kodiċi illi jipprovdi illi “*Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista’ ġġib.*” Tali Artikolu kien hekk diskuss mill-Qorti diversement presjeduta fejn il-Qorti diversement presjeduta irriteniet diversi drabi, fosthom fis-sentenza ***Anthony Xerri (K.I. nru. 209398M) (‘ir-rikorrent’) vs. Claudette Spencer (K.I. nru. 307378M) u Domnic Spencer (K.I. nru. 443400L) (‘l-intimati’)***[2] illi “*mad-daqqa t’għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f’kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista’ jġib**.*” L-istess qal it-Tribunal diversement presjedut fejn fis-sentenza ***DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO***[3] ikkonkluda illi “*dak li hu importanti ghal-legislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali u/jew dokumentarja) tkun wahda rilevanti ghall-kaz trattat u li l-istess tkun l-ahjar wahda li l-parti tista’ toffri jew tressaq.*” B’dan illi tali Artikolu pero’ ma jistax jinftiehem illi t-Tribunal irid jidderiġi lill-partijiet xi provi jressqu għaliex tali kompitu huwa biss tal-partijiet tal-kawża għaliex inkella it-Tribunal ikun qed iżomm ma’ parti jew oħra inġustament u b’dan illi dan it-Tribunal jista’ biss imbagħad iħares lejn tali provi mingħajr ma jippreġudika d-dritt ta’ xi parti jew oħra.

B’dan ukoll illi f’dan il-każ, l-atturi ppreżentaw dokumentazzjoni ampja li bl-ebda mod ma kienet kontradetta mill-konvenuti u anqas ix-xhieda tal-attur Francis Zammit ma kienet hekk kontradetta mill-konvenuti. Għaldaqstant, l-atturi ippruvaw it-talba tagħhom billi ppreżentaw l-aħjar provi li setgħu jippreżentaw, kemm bħala dokumentazzjoni u anke bħala xhieda.

Fir-rigward tat-tpaċija illi l-konvenut John Mary Vella tkellem għan-nom tas-soċjeta’ konvenuta, Drawbridge Limited, dan it-Tribunal ħares lejn l-Artikoli tal-Kodiċi Ċivili, Kap.

[2] 18 ta’ Settembru 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 39/2021
[3] 3 ta’ Frar 2020, Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Ref.: 80/2019

16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregolaw it-tpaċija, b'mod partikoli l-Artikoli 1196 u 1197. It-Tribunal jirrileva illi l-artikoli tal-Liġi hawnhekk imsemmija jipprovdu illi t-tpaċija ssir *ipso jure* bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta'ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu. Iżda, dan it-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' konvenuta tramite d-direttur tagħha, il-konvenut John Mary Vella, ma ppreżentat ebda somom sabiex din it-tpaċija isseħħ. Għaldaqstant, dan it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi fuq dan l-ammont pretiż mis-soċjeta' konvenuta fil-konfront tal-atturi Zammit.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tal-atturi kontra s-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited għall-ammont ta' elfejn sitt mija u wieħed Ewro u tmienja u sittin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 2,601.68) u fejn l-imgħax fuq l-imsemmi ammont illi kellu jitħallas mis-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited beda jiddekorri mill-11 ta' Ottubru 2021 sad-data tal-ħlas effettiv kif ukoll l-ammont ta' erba' mija u tmienja u għoxrin Ewro u sitta u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 428.36) u fejn l-imgħax fuq l-imsemmi ammont beda jiddekorri mid-19 ta' Mejju 2022 sad-data tal-ħlas effettiv, fejn fiż-żewġ istanzi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena għandu japplika u jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited sabiex tħallas dawn l-ammonti hawnhekk indikati lill-atturi Zammit.

Jillibera lill-konvenut John Mary Vella mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjeta' konvenuta Drawbridge Limited.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur